Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10145 — American Industrial Partners/Personal Care Business of Domtar)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 20/08)

1. Fit-12 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— AIPCF VII Global Corp. Holding LP, fond ta' investiment ġestit minn American Industrial Partners ("AIP", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— In-negozju tal-kura personali ta' Domtar Corporation ("Personal Care Business of Domtar", l-Istati Uniti tal-Amerka).

AIP takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv tal-Personal Care Business ta' Dontar kollu kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' titoli.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— AIP: ditta ta' ekwità privata tas-suq medju li hija ffukata fuq ix-xiri u t-titjib ta' negozji industrijali bil-kwartieri ġenerali fl-Amerka ta' Fuq,

— Personal Care Business of Domtar: manifattur ta' prodotti assorbenti tal-iġjene inklużi prodotti tal-inkontinenza tal-adulti (pereż. ilbies protettiv ta' taħt, briefs, kuxxinetti u rinforzi għall-kontroll tal-bużżieqa tal-awrina) u prodotti tal-iġjene għat-trabi (pereż. ħrieqi).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10145 — American Industrial Partners/Personal Care Business of Domtar

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.